



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

7980/18
COR 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0096 (NLE)

WTO 84
SERVICES 33
FDI 20
COASI 101

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim dwar il-Protezzjoni tal-Investiment bejn I-Unjoni Ewropea u I-Istati
Membri tagħha minn naħħa waħda, u r-Repubblika ta' Singapore, min-naħħa I-
oħra

Il-paġna EU/SG/mt 50 hija sostitwita bil-paġna mehmuża.

3. Jekk, fi żmien 15-il jum mid-data tal-avviż ta' sfida, il-Membru sfidat jagħżel li ma jirriżenjax minn dik id-diviżjoni, il-President tat-Tribunal jew il-President tat-Tribunal tal-Appell, rispettivament, wara li jisimgħu l-partijiet litiganti u wara li jipprovdi l-opportunità lill-Membru li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, jagħtu deċiżjoni fi żmien 45 jum mill-wasla tan-notifika ta' sfida u jinnotifikaw lill-partijiet litiganti u l-Membri l-oħra tad-diviżjoni mingħajr dewmien.
4. L-oġġezzjonijiet kontra l-ħatra għal diviżjoni tal-President tat-Tribunal għandhom jiġu deċiżi mill-President tat-Tribunal tal-Appell u viċi versa.
5. Malli l-President tat-Tribunal tal-Appell jagħmel rakkmandazzjoni motivata, il-Partijiet, b'deċiżjoni tal-Kumitat, jistgħu jiddeċiedu li jneħħu Membru mit-Tribunal jew mit-Tribunal tal-Appel, meta l-imġiba tagħha tkun inkonsistenti mal-obbligi stipulati fil-paragrafu 1 u ma tkunx kompatibbli mas-sħubija kontinwata tagħha tat-Tribunal jew tat-Tribunal tal-Appell. Jekk l-imġiba inkwistjoni tkun allegatament dik tal-President tat-Tribunal tal-Appell, il-President tat-Tribunal tal-Prim'Istanza għandu jippreżenta r-rakkmandazzjoni motivata. L-Artikoli 3.9(5) (Tribunal tal-Prim'Istanza) u 3.10(5) (Tribunal tal-Appell) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-mili ta' postijiet battala li joħorġu skont dan il-paragrafu.